**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Gunju 2001**

**Citazz. Nru. 657/98 CFS**

**Moncef Choubene**

**vs**

**Kummissarju tal-Puluzija**
**u l-Avukat Generali**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Moncef Choubene illi huwa mizzeweg u ghandu lil martu Malta, u lil ibnu. Illi martu ghandha permess li toqghod hawn Malta u hu le.

Illi hawn Malta twieled it-tifel tieghu, Rami, li issa ghandu hames snin, u li qed jghix mal-omm, u huwa jarah tlett darbiet fil-gimhga u dan minhabba xi problemi li hemm bejn il-genituri.

Illu huwa gie ordnat li jhallas lil martu manteniment ta' Lm 12 ghat-tifel, u li fil-fatt meta instab jahdem, bdew jittiehdu proceduri kontra tieghu talli kien qed jahdem, u issa jinstab rinfaccjat bil-possibilta' li jitkecca minn Malta, u b'hekk jigi mifrud minn ibnu li twield Malta.

Illi dawn il-proceduri kontra tieghu ghat-tkeccija minn Malta jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent protett fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.  Kaz simili gie deciz mill-Qorti Ewropeja.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li din l-Qorti, prevja d-dikjarazzjoni li l-agir tal-intimati jikkostitwixxi ksur jew ksur probabbli tad-dritt fondamentali protett mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u [2] taghti dawk ir-rimedju u dawk il-provedimenti kemm matul il-kawza u kemm bhala rimedju finali ghal tali ksur tad-dritt protett u li qed jigi lez, precipwament dak li huwa ma jitkecciex minn Malta u hekk jinfired minn ibnu.

Rat ir-risposta tal-intimati li eccipew:

Illi preliminarjament l-Avukat Generali gie mharrek inutilment f'dawn il-proceduri peress ma hemm ebda premessa fir-rikors li

b’xi mod tispjega kif allegat ksur jew ksur probabbli jista’ jigi attribwit lilu mentri ghal finijiet tat-talbiet tar-rikorrent il-gudizzju hu ghal kollox integru bil-prezenza f'dawn il-proceduri kriminali kontra r-rikorrent. Ghalhekk l-Avukat Generali ghandu minnufih jigi mahrug 'il barra minn dawn il-proceduri.

Fil-mertu dan il-kaz jirrigwarda d-dritt ta' kull Stat li jikkontrolla d-dhul fit-territorju tieghu ta' persuni mhux cittadini tieghu. Fil-kaz Gul vs Switzerland, deciz fid-19 ta' Frar, 1996, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet li:

"As a matter of well-established international law and subject to its treaty obligations, a State has the right to control the entry of non-nationals into its territory. Moreover, where immigration is concerned, Article 8 cannot be considered to impose on a State a general obligation to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to authorise family reunion in its territory."

Fil-kaz odjern ir-rikorrent gja wera kemm il-darba ma hux pront jirrispetta l-ligijiet tal-pajjiz tant li gja gie rimoss minn Malta f'April, 1991 u f'Mejju 1992 peress li nqabad jeccedi l-limitu ta' zmien permess lilu biex joqghod Malta. F' Awissu 1992 ir-rikorrent izzewweg lil certu Jane Goodwin, cittadina Brittanika, f'Tunez. F'Dicembru 1992 ir-rikorrent thalla jidhol Malta bi zvisita u ghalhekk f'Jannar, 1993 gie mitlub jitlaq minn Malta kif fil-fatt ghamel. Peress li martu kienet ser ikollha tarbija hija talbet lill-awtoritajiet Maltin biex zewgha jithalla jirritorna Malta

biex ikun prezenti ghat-twelid tat-tarbija. F' Marzu 1993 huwa inghata visa limitata ghal tmien gimghat sabiex ikun prezeti ghat-twelid u r-rikorrent gie ammess f'Malta f'April 1993. F'Mejju 1993 twieldet it-tarbija. Il-visa tieghu baqghet tigi esizta ghal ragunijiet umanitarji sat-30 ta' Novembru, 1996. Fil-frattemp nqala' l-inkwiet bejn ir-rikorrent u martu u saru diversi rapporti minn martu li r-rikorrent kien jheddidha u jittratta hazin u ttiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrent. Martu hadet proceduri f'Malta ghal separazzjoni mir-rikorrent u f'Tunes bdiet proceduri ta' divorzju minn zewgha. Ghal habta ta' Mejju/ Gunju 1997 ir-rikorrent beda jahdem minghajr permess u ghalhekk ittiehdu l-proceduri li ssemmew fir-rikors.

F'dawn ic-cirkostanzi huwa evidenti li dak li qieghed verament jippretendi ma hux li jigi mharres id-dritt tieghu ghal *family life* izda qieghed jippretendi biss li jithalla joqghod Malta meta taht il-Konvenzjoni Ewropea ma hemm ebda tali obbligu impost fuq l-Istat. Il-Kummissarju tal-Puluzija, bil-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent ma hu jghamel xejn biex jipprekludi lir-rikorrenti milli jiehu lil martu u ibnu mieghu u b'hekk ihares il-*family life* tieghu. Il-fatt li martu qieghda tiehu proceduri ta' separazzjoni u ta' divorzju kontra r-rikorrent ma jista' b'ebda mod jigi imputat lill-Kummissarju tal-Puluzija. Ir-rikorrent ma jistax jippretendi li konsapevolment jikser il-ligijiet tal-pajjiz liema ksur jaf li jimporta t-tnehhija tieghu minn Malta u meta l-ghemil illegali tieghu jigi skopert jilmenta li mhux tigi mharsa l-*family life* tieghu. Huwa l-ghemil illegali tar-rikorrent u l-imgieba

tieghu lejn martu li qeghdin iharbtu l-hajja familjarji tar-rikorrent u mhux il-Kummissarju tal- Puluzija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali ghandu minnufih jinhareg barra minn dawn il-proceduri u fil-mertu t-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Illi fit-3 ta’ Lulju 1998 [fol 11 tal-process] il-partijiet qablu “li l-presenza tal-Avukat Generali hija superfluwa, il-partijiet qablu li l-kawza titkompla biss fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija”. Ghalhekk l-Avukat Generali gie mahrug mill-proceduri.

Rat l-**affidavit** ta' Moncef Choubene fejn semma li kien mizzewweg ma’ Jane qabel kunjomha Goodwil. Hija ghandha lil missierha Ingliz u ommha Maltija. Miz-zwieg illi sar gewwa Tunez u registrat hawn Malta twieled it-tifel fid-29 ta' Mejju 1993. Martu ghandha l-freedom of movement hawn Malta u qatt ma riedet tghix gewwa Tunez. Kien hemm diffikultajiet personali bejnu w martu inkluz spiccaw il-Qorti. Meta pprova jahdem biex ikun jista’ jhallas il-manteniment inqabad u ttiehdu

proceduri  kontra tieghu halli jitkeccca barra minn Malta.  Jekk jitkecca l-mara ma tridx tmur lura t-Tunezija, l-kustodja tat-tifel huwa f'ideja, u allura jitlef l-opportunita li jara lit-tifel.

Ir-rikorrent xehed li ghandu nazzjonalita` Tunezina u anke passaport Tunezin.  L-ewwel darba li dahal Malta kien f` Lulju 1990 u kellu permess biex idum Malta ghal zmien xahar.  Dam aktar milli suppost.  Imbaghad hareg b`ordni tal-Qorti xi 11-il xahar wara ghax daqshekk dam.  Iltaqa' ma` Jane Goodwil fl-1992. Qabel kien gharus ma' tfajla maltija.  Meta kien qieghed jigi deportat harab lill-Pulizija u dam xi xahar u gimgha mahrub u wara mar minn rajh u tnehha minn Malta.  Reggha rritorna Malta u reggha baqa' aktar milli suppost.  Regghu qabduh u regghu ddeportawh.

Iltaqa' ma' Jane Goodwil meta gie Malta t-tieni darba. Meta tkecca minn Malta Jane Goodwil iddecidiet li titla` Tunez hi. Izzewwgu Tunez fis-7 ta` Lulju.  Nizlet Malta u wara xi zmien kienet ikkomunikat mieghu permezz tat-telephone u qaltlu li issa rrangatlu biex ikun jista` jerga` jidhol Malta u rritorna lura Malta fil-31 ta` Dicembru 1992.  Kienu zzewwgu bir-registru pero` bil-Musulman, u rregistraw z-zwieg taghhom Malta.  Reggha  lura Malta f` April 1993 bil-visa ghal zmien xaharejn.  Wara bdew jestendulu z-zmien kull darba tal-visa.  F` Gunju 1997 gie akkuzat li hadem illegalment Malta.  Dawn il-proceduri ghadhom ghaddejjin.

Sadanittant kienu ghaddejjin proceduri ghal separazzjoni. Wara kellu glieda ma` omm il-mara. Damu mizzewgin ghal xi 3 snin. Kien refgha idejh fuqha. Kien hemm kawzi distrettwali.

Jane Goodwil xehdet li hi ghandha cittadinanza maltija, u li kienet izzewget lir-rikorrent u sussegwentement iddivorzjat fit-Tunezija fl-10 ta' Gunju, 1998. Problemi bejniethom qamu fl-1995 ghalkemm kien hemm diffikultajiet qabel. Qatt ma kienu johorgu flimkien u ma kienx jaghti kaz tat-tifel. Ma kienx ikun id-dar. Wara 1995 qatt ma ghixu flimkien. Meta kien ordnat biex ihallas manteniment ghat-tifel qatt ma hallas. Mill-1995 'l quddiem qatt ma ezistit "family life" bejnithom.

L-Ispetur Xuereb semma li r-rikorrent fit-30 ta' April, 1991 gie misjub hati li kien qieghed Malta illegalment. Reggha instab Malta f'Mejju 1992. F'Marzu 1993 inghata permess jigi Malta ghal zmien limitat. Esebixxa kwantita ta' citazzjonijiet ta' natura Kriminali kontra r-rikorrent.

Ikkunsidrat

Illi l-iskop tal-artikolu 8 tal-Kap 319 huwa l-protezzjoni tal-individwu minn azzjoni arbitrarja tal-awtoritajiet pubblici – Ara "Gul vs Switzerland" 19/2/96. Tarbija mwielda fi zwieg hija 'ipso jure' parti minn dik ir-relazzjoni u mill-mument tat-twelid tezisti rabta bejnu w l-genituri tieghu li jammontaw ghar-rabta ta' "family life" – ara Berrehab vs Netherlands 21/6/88, u Hokkanen vs Finland 23/9/94. Importanti wkoll li wiehed jiftakar li Stat

ghandu d-dritt jikkontrolla d-dhul ta' persuni li mhux cittadini fit-territorju tieghu – ara Abdulaziz et vs United Kingdom 28/5/85. L-artikolu 8 ma jistax jigi interpretat b'mod li jaghti lill-koppji mizzewga d-dritt fuq xi Stat fejn kien hemm residenza matrimonjali b'mod li jkun hemm id-dritt tal-unjoni tal-familja fit-territorju ta' dak l-istat [Gul vs Switzerland]. Dan hu wkoll dipendenti fuq it-tip ta' permess li rikorrent jkollu biex joqghod f'pajjiz – e.g. residence permit on humanitarian grounds, temporary permit.

Hu importanti wkoll li wiehed jiftakar li s-sitwazzjoni familjarai partikolari tar-rikorrent mhix imputabbli ghall-istat ta' Malta. Bl-istess mod gie ritenut li l-Isvizzera ma kinitx responsabbli ghas-sitwazzjoni li kienet fiha l-familja ta' Gul [fil-kaz fuq imsemmi]. F'dak il-kaz il-Qorti hasset li l-Awtoritajiet Svizzeri ma kellhom ebda obbligazzjoni li jassiguraw li r-rikorrent kien jghix "optimal family life in Switzerland". Bl-istess mod l-Awtoritajiet Maltin zgur li ma kinux responsabbli ghall-falliment taz-zwieg tar-rikorrent, u talli hu stess kien gie dikjarat immigrant ipprojbit f'sitwazzjonijiet precedenti. Fil-kaz ta' Gul kien hemm l-element ta' immigrazzjoni, u fil-kaz in ezami hemm li r-rikorrent li mhux Malti qieghed jipprova jsib mezz ta' kif jirrisjedi f'Malta [ u din tidher li ila l-intenzjoni tar-rikorrent ghal zmien twil ta' snin – tfajla maltija, Jane Goodwil, darbtejn ohra jibqa' Malta meta ma setghax]. Jinghad li ma hemm xejn xi jzomm lir-rikorrent milli jkollu l-"family life" f'pajjizu billi jmur jghix hemm flimkien ma' martu w ibnu hlief ic-cirkostanzi partikolari li spicca fihom hu

minhabba ta' kif sviluppaw c-cirkostanzi personali tieghu b'mod li kieku kollox kien sew l-affarijiet kien ikollhom svolta ohra.

Ir-rikorrent ghal referenza qawwija ghas-sentenza Mehemi vs France deciza fis-26 ta' Settembru, 1997.

Izda hawn ta' min isemmi li Mehemi:

- Twieled Franza, mar skola Franza, u ghix dejjem hemm sat-tkeccija tieghu u cioe' 28/2/95;
- Il-familja fejn trabba ghixet Franza; il-Familja tieghu ghixet Franza. Hu missier ta' tlitt itfal Francizi u dejjem zamm konnessjoni qawwija ma' familtu;
- Ma kellux konnessjonijiet barra Franza;
- Ircieva l-edukazzjoni tieghu fi Franza;
- Kien ilu 33 sena fi Franza u setgha ghazel dik ic-cittadinanza jekk ried.

Dawn ic-cirkostanzi mhux applikabbli ghar-rikorrent fil-kaz odjern. Ir-rikorrent ma twielidx Malta, darbtejn ohra gie imkecci minn Malta. Gie ammess Malta ghar-ragunijiet umanitarji. L-istess dritt ta' residenza kien wiehed temporanju.

Dwar is-sub-artikolu 1 tal-artikolu 8 din il-Qorti thoss li l-fatt li r-rikorrent kellu tarbija mwielda fi zwieg hija 'ipso jure' parti minn dik ir-relazzjoni ta' "family life" u mill-mument tat-twelid ezistit rabta bejn it-tarbija w l-genituri tieghu li jammontaw ghar-rabta ta' "family life". Kien ikun differenti l-kaz li kieku t-tarbija twieldet wara relazzjoni sesswali ta' darba, fejn ma kien hemm ebda rabta ta' zwieg jew ta' xorta ohra bejn il-genituri. Izda dik

ir-rabta' ezistit fil-mument tat-twelid. Issa kienet ghada tezisti r-rabta meta ittiehdu l-proceduri kontra r-rikorrent biex jitkecca minn Malta. Certament li z-zwieg kien spicca fl-1995 izda dan ma jfissirx awtomatikament li spiccat kull tip ta' "family life". Huwa veru li r-rikorrent ma kienx jikkomunika hlief sporadikament mal-omm; ma kienx ihallas il-manteniment ghal ibnu; lanqas ma jirizulta li kien jiltaqa' ma' ibnu ta' spiss. Izda ma hemmx provi sufficjenti li wiehed jista' jghid li l-kuncett tal-"family life" kien spicca ghal kollox.

Ghalhekk il-Qorti trid tara jekk l-proceduri ghat-tkeccija tar-rikorrent minn Malta kinitx a tenur tas-sub-artikolu 2 tal-istess artikolu 8. Importanti ghalhekk li wiehed jara jekk dan kienx "skond il-ligi u mehtieg f'socjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor."

Il-proceduri kontra r-rikorrent kienu a tenur tal-Kapitolu 217 dwar l-Immigrazzjoni. Ma giex ippruvat li kien hemm xi vjolazzjoni ta' xi artikolu ta' dan il-Kapitolu. Ghalhekk dawn il-proceduri **kienu skond il-ligi.**

Ma rrizulta ebda **ndhil minn xi Awtorita' pubblika** fil-proceduri kontra r-rikorrent.

L-istess sentenza kwotata mir-rikorrent ta' Mehemi filparagrafu 34 issemmi li l-istati li iffirmaw il-ftehim ghandhom id-dritt li "control the entry and residence of aliens and notably to order the expulsion of aliens convicted of criminal offences". Huwa veru wkoll li fil-kaz in ezami r-reati kommessi mir-rikorrent huma ta' entita' zghira. Fil-kaz ta' Mehemi kien ikkunsidrat ukoll li kien hemm ksur tal-artikolu 8 minhabba li l-applikant f'dak il-kaz ma kellux konnessjonijiet mal-Algeria, haga li mhix applikabbli ghal kaz in ezami.

Ghalhekk ma tqisx li l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-tkeccija tar-rikorrent minn Malta huwa kontra d-dispost 8 tal-Kapitolu 319 u dan ghar-ragunijiet fuq spjegati. Tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.